2026/1235

9.6.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1235

tat-8 ta' Ġunju 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 [1], li stabbiliet miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perijodu 2022-2024 (il-"Miżura ta' Assistenza").

(2) Fl-14 ta' April 2026, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà inkariga lill-Economat des Armées bl-implimentazzjoni ta' parti minn azzjoni b'appoġġ għall-komponent militari tal-Missjoni ta' Appoġġ u Stabbilizzazzjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja,li għandha tiġi ffinanzjata taħt il-Miżura ta' Assistenza.

(3) Jenħtieġ li l-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza tinkludi lill-Economat des Armées.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS

Lista tal-ministeri, tad-dipartimenti tal-gvern, u ta' korpi u aġenziji oħra tal-liġi pubblika tal-Istati Membri, u ta' korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jkunu ngħataw garanziji finanzjarji adegwati, li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza (*):

— Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit

— Expertise France

— Défense Conseil International (DCI Group)

— Economat des Armées

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 tal-21 ta' April 2022 dwar miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-perijodu 2022-2024 (ĠU L 121, 22.4.2022, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/667/oj).

Lista ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jistgħu jimplimentaw kompletament jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza:

— COGINTA

(*) Din il-lista tirrelata biss mal-Miżura ta' Assistenza stabbilita minn din id-Deċiżjoni, u ma tipprekludix il-possibbiltà li jiġu appuntati entitajiet oħra għal miżuri ta' assistenza futuri, inkluż dawk li jieħdu l-forma ta' programm ġenerali.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

A. VAFEADES